MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Numru. 703/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**DARREN MIZZI**

**(ID: 0523781M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DARREN MIZZI,** ta’ 31 sena, iben Joseph u Rita nee’ Cassar, imwieled fl-20 ta' Settembru 1981 gewwa Pieta’ u li joqghod Apple Court flat 6, Triq il-Gdida, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0523781(M) gie akkuzat talli:

Fit-18 ta' Gunju 2013 gewwa Hal-Qormi u f’postijiet ohra gewwa Malta, b’diversi atti maghmulin minn l-imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, li jitqiesu bhala reat wiehed, mexxa zewg biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta’ valuta’ ta’ € 100 il-wahda, meta kien jaf li huma falsifikati.

U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta’ valuta’ ta’ € 100 il-wahda, meta kien jaf li l-istess karti tal-flus huma falsifikati.

U talli huwa recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-8 ta’ Ottubru 2012 Mag Dr. A. Mizzi LL.D u tat-8 ta’ Mejju 2013. U li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu f’dawn is-sentenzi meta gew applikati l-art. 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin u Art 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin Mag Dr. S. Demicoli LL.D rispettivament.

F'kaz ta' htija, il-prosekuzzjoni talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, sabiex jekk filwaqt tal-procediment kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qerda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu.

F'kaz ta' htija l-Qorti ghandha gentilment tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 11, dikjarazzjoni ta' rifjut ghal parir legali a fol 12, stqarrija a fol 13 u fedina penali a fol 16.

Illi nhar is-7 ta' Lulju 2014 l-ufficjal prosekutur halef l-akkuzi fil-konfront tal-imputat odjern u esebixxa l-kunsens ta' l-Avukat Generali u l-imputat seduta stante waqt l-ezami li sarlu ai termini tal-**Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif preseduta (fol. 21).

**L-Ispettur Joseph Agius** xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li fis-sittax ta' Gunju, 2013 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fejn gie nfurmat illi certu Darren Mizzi kien ghamel xi hlas f'hanut bi flus foloz ta' karta ta' mitt ewro. Fis-17 ta' Gunju, 2013 certu Raymond Buhagiar irrapporta wkoll fl-Ghassa ta' Hal Qormi illi certu Etienne Mizzi kien mar fil-hanut tieghu li jismu 'Rose Shop' u kien hallas b'mitt ewro falza. Ghalkemm ir-rapporti huma f'dati differenti t-tnejn graw f'gurnata wahda fis-16 ta' Gunju, 2013. Kien hemm hlas li sar gewwa l-fond imsejjah "Rose Shop" fit-tlieta ta' wara nofsinhar u fil-hanut imsejjah "Gammika" fl-erbgha u hamsa u ghoxrin minuta ta' wara nofsinhar. Fis-17 ta' Gunju, 2013, huwa ha statement bil-miktub ta' l-imputat Darren Mizzi fejn dan ammetta li ghandu l-vizzju tad-droga u li veru kien hallas bil-mitt ewro (€100) fiz-zewg okkazjonijiet ghalkemm jghid li ma kienx jaf li l-flus kienu foloz.

Huwa qal ukoll li kien lest irodd lura l-flus li sa llum fil-fatt ghadhom ma traddew lil hadd. Esebixxa wkoll sentenza **<u>Pulizija vs. Darren Mizzi</u>** li nghatat fit-8 ta' Mejju, 2013 u sentenza ohra fl-ismijiet **<u>Pulizija vs. Mario Vella u Darren Mizzi</u>** li nghatat fit-tmienja ta' Ottubru 2012. Esebixxa wkoll certifikat mediku li kien gie mholli gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi fl-erbgha ta' Novembru, 2013 li jikkonferma li dakinhar l-imputat kien ma jiflahx u ma setghax jattendi s-seduta ta' dik il-gurnata. Esebixxa wkoll

zewg karti tal-mitt ewro (€100) li allegatament ntuzaw biex Darren Mizzi ghamel dawn ir-reati.

**PC 1306 Amadeo Dingli** xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 u kkonferma li l-istatment datat 17 ta' Gunju, 2013 esebit fl-atti gie rilaxxat minn Darren Mizzi li kien prezenti fl-Awla bhala imputat. Huwa gharaf ukoll il-firma tieghu, dik ta' l-ispettur Joseph Agius u ta' Darren Mizzi fuq din l-istqarrija. Ikkonferma wkoll li Darren Mizzi ghazel li ma jwegibx id-domandi li sarulu.

**PS487 Reuben Balzan** xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 u esebixxa okkorrenza ta' l-incident li sehh nhar is-16 ta' Gunju, 2013. Spjega li kien mar certu Victor Borg jaghmel rapport li waqt li kien qieghed gewwa l-hanut jismu 'Gammika' huwa kien rcieva mitt ewro (€ 100) falza minghand certu Darren Mizzi. Huwa stqarr li Darren Mizzi kien mar jixtri minn ghandu u kien hallas b'din l-istess mitt ewro (€ 100). Kif mar sabiex jiccekja l-flus karta bil-magna l-imputat telaq minn fuq il-post. Rigward dan il-kaz huwa nfurma s-superjur tieghu lis-Sur Joseph Agius.

**Raymond Buhagiar** xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 u kkonferma li huwa sid il-hanut '*The Rose Shop*'. Spjega li nhar il-Father's Day tas-sena 2013 kienet marret persuna maskili u xtrat bukkett fjuri. Dana kien mar ghall-habta tas-siegha (13:00hrs) jew is-saghtejn (14:00hrs) ta' wara nofsinhar u ha qalb tal-fjuri u card tal-Vodafone minn ghandu u kien hallas permezz ta' karta tal-mitt euro (€100).

Effettivament induna li din il-karta kienet suspettuza u nizel l-ghassa biha. Mistoqsi mill-Qorti kif jista' jghid li l-karta ta' €100 hija l-istess wahda li ghaddilu l-imputat, jghid li dakinhar kienet l-unika karta ta' mitt ewro (€100) li dahlet u jghid ukoll li l-imputat odiern huwa l-persuna li xtrat il-fjuri minn ghandu dakinhar.

**Victor Borg** xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 u qal li ibnu ghandu Pub gewwa Hal Qormi maghruf bl-isem ta' 'Gammika'. Ftakar illi jum wiehed fost l-ohrajn kien qieghed f'dan il-pub bil-bieb maghluq ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofisnhar u mar l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Sab il-bieb maghluq u peress illi gieli mar jixtri minghandhom fetahlu l-hanut.

Jghid li dakinhar talbu xi xirja luminata, pakkett sigaretti u affarijiet bhal dawn u qdieh. Jghid li l-imputat hallsu permezz ta' *bank note* ta' mitt ewro (€100). Tah il-bqija tal-mitt ewro (€100) u l-affarijiet li kien xtara. Jispjega pero' li wara nduna li din il-mitt ewro (€ 100) kienet daqsxejn lixxa. Jghid illi dak il-hin Mizzi kien ghadu hiereg mill-hanut, u ghalhekk hareg jigri warajh u Mizzi baqa' diehel go Transit. Fit-Transit kien hemm persuna ohra, Mizzi kien biss passigier. Qallhom li jahseb li l-mitt ewro (€100) ma kinitx tajba. Saqsieh jekk ghandux biex jiccekjaha u sakemm dahal gewwa startjaw u telqu.

Wara cempel lit-tifel li kien qieghed Bugibba u lahqu saru l-hamsa sakemm marru l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u saqsihom jekk kienitx tajba izda huma kkonfermalu li ma kellhomx biex jiccekjawha. Il-Pulizija imbaghad zammew il-karta u qalulu li kienu ser jinfurmawh jekk kienitx tajba u f'dak il-kaz kienu jibaghtu ghalih.

L-imputat **Darren Mizzi** ma xehedx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt jaghmel pero' irrilaxxja stqarrija mehuda a tempo vergine ta' l-investigazzjoni esebita fl-atti a fol 13 datata 17 ta' Gunju 2013. F'din l-istqarrija l-imputat stqarr li ghandu l-vizzju ta' abbuz ta' droga. Mistoqsi jekk kienx minnu li huwa uza karta ta' mitt ewro li kienet falza gewwa l-hanut bl-isem ta' Gammika jghid li kien minnu u li qal li gab il-karta minghand persuna maghrufa bhala' l-Bojja'. Spjega li effettivament din il-persuna tbiegh id-droga u l-karti tal-mitt ewro foloz ghall-prezz ta' €35. Nonostante dan jghid li ma kienx jaf li l-karta kienet falza. Mistoqsi jispjega kif effettivament jghix bl-ghajnuna socjali u f'idu kellu karta ta' mitt ewro (€ 100) jghid li l-gimgha ta' qabel l-Ispettur Raymond Aquilina kien rtira s-somma ta' LM 940 mill-Qorti li kienu tieghu u kien ghaddihomlu. Mistoqsi ghaliex meta rikeb il-karozza telaq 'l hemm mill-ewwel u ma stenniex lil persuna tal-hanut ticcekja li l-karta tal-mitt ewro (€100) kenitx vera jew le. Cio nonostante jghid li kien lest li jrodd lura l-mitt ewro (€100) lil Victor Borg. Jghid ukoll li fl-istess jum kien mar gol-hanut mgharuf bhala '*The Rose shop'* u mistoqsi ghaliex f'dan il-hanut ma uzax il-bqija li kien tah tal-mitt ewro falza (€100) tal-Gammika minflok ma uza karta falza ohra tal-mitt ewro (€100) wiegeb li bil-bqija li kien tah tal-hanut kien xtara d-droga minghand il-Bojja u jghid li kien il-Bojja li tah il-karta tal-mitt ewro (€100). Mistoqsi jekk kienx lest li jirritorna lura l-flus lill-hanut 'The Rose Shop' wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk iridx izid xi haga jghid li jixtieq li jigi nvestigat 'il-Bojja' fuq il-flus foloz u fuq id-drogi.

**Probation Officer Annabelle Bugeja** xehdet fis-16 ta' Settembru, 2014. Qalet li hi ilha ssegwi lill-imputat odjern Darren Mizzi wara li huwa

nghata Probation fit-tmienja ta’ Mejju tas-sena elfejn u tlettax. Matul dan il-perjodu ta’ supervizjoni tfassal pjan ta’ kura sabiex Darren jindirizza l-problema li huwa kellu ta’ abbuz tad-droga u ghalhekk huwa gie riferut id-Detox ghall-Methadone kif ukoll Agenzija Sedqa sabiex jibda jattendi s-sessions. Madanakollu ttiehdu tlett testijiet tal-awrina u wiehed fl-10 ta’ Ottubru 2013 li rrizulta posittiv ghall-prezenza tal-Cannabis. Imbaghad saru tnejn fl-14 ta’ Novembru u 26 ta’ Novembru, 2013 li wkoll irrizultaw posttiv ghad-droga pero’ din id-darba ghall-Eroina. Pero’ minkejja dan f’Dicembru 2013, Darren iddecieda li jibddel hajtu u beda jahdem u jinstab clean.

Ittiehdu tlett testijiet ohra tal-awrina fis-17 ta’ Dicembru 2013, fit-22 ta’ Jannar 2014 u fis-7 ta’ Frar 2014. Pero’ f’Gunju 2014, Darren rega’ beda jabbuza mid-droga. Ittiehed test tal-Awrina fit-2 ta’ Lulju li nstab posittiv ghall-eroina b’dan ukoll li l-imputat beda jammetti hu stess li beda jaghmel uzu mid-droga Eroina. Fil-prezent huwa ghandu 80 mililitres ta’ Methadone, u dan pero’ mhux qieghed izommu xorta. Innutat ukoll li Darren beda jinnodja u li fil-fehma taghha Darren ghandu bzonn program izda minn naha ta’ l-imputat m’hemmx din il-motivazzjoni.

**Annabelle Bugeja** xehdet fit-2 ta' Ottubru 2014 u qalet illi dakinhar tal-ahhar seduta u cioe’ tas-16 ta’ Settembru, 2014 l-imputat kien ammetta maghha illi dakinhar stess qabel is-seduta kien abbuza mid-droga Eroina u spjega li huwa kien ghamel tali abbuz peress li d-doza tal-Methadone li kien qed jiehu ma kienitx bizzejjed. Tghid li ghalhekk kien attenda l-appuntament il-gimgha ta’ wara u cioe’ it-tnejn fit-22 ta’ Settembru, 2014 gewwa d-Detox u dan sabiex toghla d-doza tal-Methaone li kien

qed jiehu u fil-prezent ghandu 95 milliliters ta’ Methadone. Tghid li l-imputat ma attendiex ghaz-zewg appuntamenti li kienet iffissat sabiex l-imputat jaghti l-kampjun tal-awrina tieghu.

Tghid li l-imputat qallha li ma attendiex minhabba ragunijiet ta’ sahha u qal li huwa ghandu bzonn jaghmel procedura l-isptar u ghalhekk ma setghax jattendi. Talbitu certifikat mediku pero’ dan ma giex moghti lilha. Izda fl-1 ta’ Ottubru 2014 hu mar l-ufficju taghhom, ghamel it-test ta’ l-awrina u dan ta’ rizultat negattiv ghall-presenza tad-droga Eroina.

Illi nhar il-11 ta’ Novembru 2014 regghet dehret il-Probation **Officer Annabelle Bugeja** u tat tgharif dwar il-progress tal-imputat. Spjegat illi Darren Mizzi l-imputat odjern intalab sabiex jattendi l-ufficini taghhom sabiex jissottometti ruhu ghat-*test* tad-droga u dan skond digriet tal-Qorti tat-tnejn (2) ta' Ottubru, *two thousand and fourteen* (2014). Tghid li effettivament hu nghata appuntament ghat-tmienja (8) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghalkemm ma attendiex ghal dan l-appuntament. Spjegat li hi offrietlu sabiex jattendi granet ohrajn f'dik il-gimgha biex jaghmel dak it-*test* cioe' nonostante rrifjuta. Sussegwentement taf li taha certifikat sabiex jiskuza ruhu talli ma deherx fit-tmienja (8) ta' Ottubru, *two thousand and fourteen* (2014). Il-gimgha ta' wara attenda ghall-appuntament fil-hmistax (15) ta' Ottubru. Spjegat li matul din il-*meeting* ittiehed kampjun tal-awrina u rrizulta posittiv ghall-eroina.

Spjegat illi Darren ikkontesta dan ir-rizultat u ttiehed il-laboratorju. Ir-rizultat tal-laboratorju mmarka li huwa negattiv ghall-eroina, izda posittiva

ghall-codeine u Darren wara dan l-appuntament sostna li hu kien qed jiehu l-codeine flu pero' minghajr ricetta tat-tabib u ghalhekk ma jistax jigi vverifikat. Inghata appuntament ghall-gimgha ta' wara fl-erbatax (14) ta' Ottubru, ma attendiex izda ppresenta c-certifikat mediku. Sussegwentement taf li attenda fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, fis-sitta (6) ta' Novembru u llum stess hdax (11) ta' Novembru. Tul dawn l-ahhar tlett sessjonijiet ittiehdu testijiet tal-awrina li taw rizultat negattiv ghall-prezenza tad-droga. Pero' jinghad li fis-sessjoni tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru Darren ammetta li gimghatejn (2) qabel kien abbuza mill-eroina. Fil-prezent Darren qed juri mottivazzjoni biex jibda programm. Fil-fehma taghha din hija genwina, ghamlet kuntatt mad-Detox fejn fil-prezent qed jidher li qed inizzel il-methadone *one millilitre* kull jumejn (2). Fil-prezent ghandu ninety (90) *millilitres* u spjegat li din id-doza trid tkun *fifty* (50) biex huwa jkun jista' jaghmel dan il-programm u wara konsultazzjoni li ghamlet ma' Marquita Camilleri li tahdem is-Sedqa, Marquita kkonfermatilha ukoll li ghandu mottivazzjoni. Pero' huma nghataw parir li huwa jinghata *time frame* u dan ghaliex fil-passat huwa ukoll wera din l-istess mottivazzjoni, pero' ma kienx wasal ghall-programm.

Huwa minnu kif qed jigi ssuggerit lilha mill-Qorti illi jekk huwa jinzel grad kull jumejn tfisser li ghandu bzonn xahrejn (2) zmien biex huwa jkun eligibbli ghall-programm ghax min-*ninety* (90) jkun niezel *fifty* (50) u mbaghad ikun kandidat eligibbli.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2014, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kas din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Probation Officer Annabelle Bugeja** xehdet fl-10 ta' Dicembru 2014 fejn iddikjarat illi l-ahhar darba li rat lil Darren Mizzi kien fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru, two thousand and fourteen (2014). Spjegat li in segwitu huwa nghata tlett (3) appuntamenti wiehed minnhom fid-dsatax (19) ta' Novembru, l-iehor fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, u l-iehor fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru. L-imputat probationer Darren Mizzi ma attendiex ghall-ebda appuntament. L-ewwel appuntament sostna li kien xoghol Ghawdex u ghalhekk ipposponewh, fit-tnejn l-ohra pero' sostna li kien ma jiflahx. Qalet pero' li Darren qatt ma pprezentalha certifikat mediku. Huwa pero' ghamel kuntatt maghha fid-disgha (9) ta' fejn hu sostna li jinsab ma jiflahx u li qed isiru testijiet medici fuqu. Semma ukoll il-possibilta' li jista' jkun li ghandu cancer u min-naha tieghu sostna li kellu jgibhom mieghu fis-seduta ta' dakinhar li xehdet.

Fir-rigward tal-appuntamenti mal-Agenzija Sedqa jidher li l-ahhar appuntament li attenda ghalih kien l-ghaxra (10) ta' Novembru. Kellu appuntament fis-sbatax (17) ta' Novembru izda ma attendiex. Ghalkemm

jidher li ghamel xi kuntatt mal-key worker tieghu Marquita Camilleri sabiex jigi stabbilit appuntament iehor izda ghadu ma sarx. Jidher li fl-Agenzija Detox pero' qed jattendi kulljum ghalkemm il-pjan li kellu biex inizzel il-Methadone gradwalment dan il-pjan waqaf ghaliex it-tabib min-naha tal-Agenzija Detox iddecieda illi Darren kellu jiehu d-doza ta' eighty two millilitres (82ml) u dan sabiex jipprevjeni li hu jerga' jibda jabbuza mid-droga u ghalhekk din id-doza sejra ttawwal ftit il-process tal-programm.

**Probation Officer Annabelle Bugeja** regghet xehdet fid-9 ta’ Frar, 2015 fejn iddikjarat illi nhar il-Hamis wara s-seduta precedenti ta' dan il-kaz liema seduta ma nzammitx, il-kollega taghha Marianne Attard irceviet telefonata minghand Dr. Moses Camilleri min-naha tad-Detox u fejn effettivament Dr. Moses Camilleri nstema' allarmat hafna u sostna li Darren Mizzi effettivament kien f'riskju gholi ghax kien qed jabbuza mid-droga xi tlett darbiet kuljum u ghandu bzonn ikun contained imma beda jirrifjuta tali ghajnuna. Kien ghalhekk li pprezentaw rikors li jinsab inserit fl-atti. Dan gie pprezentat fis-sitta (6) ta' Frar, two thousand and fifteen (2015). Minkejja dan kollu dakinhar tad-9 ta’ Frar 2015 filghodu x-xhud regghat irceviet telefonata minghand Dr. Moses Camilleri fejn hu kien qed jirreferi ghall-persuna bl-isem ta' Daniel Mizzi u mhux Darren Mizzi pero' ddikjarat li anke ai fini ta' procedura l-korrispondenza li ntbaghatet kienet f'isem Darren Mizzi, pero' mbaghad spjega li ha zball. Pero' cio' nonostante x-xhud irceviet zewg (2) rizultati ta' awrina tal-kampjuni li hadet hija stess, wiehed ittiehed id-Detox u l-iehor ittiehed fid-Dipartiment taghhom minghand Probation Officer Marianne Attard. Ix-xhud qalet illi l-urina li ttiehdet id-Detox fit-tnejn (2) ta' Jannar instabet pozittiv ghall-prezenza ta' eroina. Waqt il-*urine test* li ttiehed fit-tletin (30) ta' Jannar l-imputat qal li kien qieghed jiehu l-medicina catafast. Spjegat li dan it-test ittiehed,

intbaghat il-laboratorju u rrizulta pozitivv ghall-*opiate*. Hija ezebiet tali test li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z.

**L-Ispizjar Mario Mifsud** xehed fil-11 ta' Frar 2015 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat b'digriet ta' din il-Qorti tad-disgha (9) ta' Frar two thousand and fifteen (2015) seduta stante u dana sabiex jezamina numru ta' pinnoli, medicinali li allegatament jiehu l-imputat fid-dawl tar-rizultat li hareg ezebit fl-atti bhala Dokument Z u dan sabiex jistabilixxi jekk effettivament dawn il-pinnoli ghandhomx xi sustanza li tista' taffetwa rizultat mehud ghal fini biex jigi testjat jekk l-imputat kellux xi medicinali opieds fl-awrina tieghu. Huwa gie moghti wkoll ir-rizultat tat-tossikologija mehud nhar it-tletin (30) ta' Jannar two thousand and fifteen (2015). Huwa spjega illi kien ircieva rizultati li kienet ordnat il-Probation Officer Marlene Attard fit-tletin (30) ta' Jannar two thousand and fifteen (2015) barcode 000085 ezebit fl-atti bhala dokument Z a fol 79 u hawnhekk din ghamlet test front line li skont hi gie pozittiv ghall-opieds. Sussegwentement hadet l-istess urine sample fit-toxicology department ta' Mater Dei u dana filfatt sar test iehor fuqu u skont ma rrizulta hawnhekk intuza immunoassay techniques u r-rizultat li hareg ikkonferma illi t-test fl-urina kien pozittiv ghall-opieds, kien ukoll pozittiv ghal methadone. Sussegwentement ghamel test specifiku ghal heroin methabolite u dan ghal six monacitamorphine u dan ukoll ta rizultat pozittiv.

Spjega li jekk joqghodu fuq dawn it-testijiet is-six monacitamorphine hija ndikattiva ta' uzu ta' eroina vicin hafna. Fil-fatt is-six monacitamorphine tiddikomponi malajr fil-gisem. Allura dan ifisser li effettivament stante li

nstabu dawn it-tracci dak iz-zmien tfisser li l-uzu tal-eroina kien fil-vicin taghha tat-test. Issa jekk wiehed jara n-noti li nkitbu mill-analist li ghamel dan it-test indika li l-urine sample ma kellux dokumentazzjoni mieghu allura ma kienx hemm chain of custody. Pero’ qal ukoll li dan it-test m’ghandux jintuza for medical legal use u l-immunoassay testing bhala test huwa kunsidrat bhala preliminary test u ghandu jigi kkonfermat permezz ta’ GCMS testing li huwa aktar specifiku.

Huwa tenna li fil-ligi tal-probation il-Probation Officer m’ghandux poter li jiehu sample tal-awrina ta’ dak li jkun probationer. Jekk imorru fuq subsidiary legislation tal-habs id-direttur ghandu awtorita’ biex jiehu kampjun u dan skont article 70 tas-subsidiary legislation tal-Prison Act. Waqt li fil-ligi tal-Probation Officer Chapter 446 illi l-Probation Officer fid-duty taghha tista’ taghmlu u dan ghaliex ghalkemm it-tehid tal-kampjun ma jikkostitwix intimate sample dan xorta trid tabbinja kif ghandu jittiehed kampjun.

**Dr. Marquita Camilleri** xehdet nhar is-7 ta’ Mejju, 2015 u spjegat illi fil-fatt hija tahdem Sedqa u dana bhala key worker u ilha ssegwi lil Darren li qed taghraf prezenti fl-Awla ghal dawn l-ahhar sentejn (2). Spjegat li fil-bidu Darren kien isibha difficli hafna biex jaqta' l-problema tieghu tad-droga fil-fatt ma kienx izomm l-apuntament maghha kien jghidilha li fil-fatt kien ghadu jaghmel uzu mid-droga. Spjegat ukoll li ghadda minn zmien fejn kien *depressed* hafna tant li beda jikkonsidra anke biex jidhol f’programm Mount Carmel u jibda programm. Pero' spjegat li xahrejn u nofs, tlett (3) xhur ilu kien hemm tibdil fil-konfront tieghu u spjegat li fil-fatt huwa kien tilef ix-xoghol u sabiex jeghda beda jimxi hafna u fil-fatt bdiet tarah li fil-

fatt kellu aktar hegga ghall-hajja. Spjegat ukoll illi waqaf juza jaghmel uzu mid-droga u spjegat li dawn l-ahhar tlett (3) xhur l-imputat rega' sab impjieg. Fil-fatt ghandu *two* (2) *casual jobs*. Fil-fatt qed jaghmel xi xoghol ta’ *cleaner* u ta’ *maintenance* u fil-fatt dawn l-ahhar xhur beda ukoll inizzel il-methadone li din tikkonferma ukoll li huwa qieghed *clean* u jidher li anke bhala *life style* huwa aktar *healthy*. Spjegat li fil-fatt qed johrog jiehu hsieb l-ibnu aktar u llum il-gurnata spjegat illi fil-fatt in generali ghandu a *positive attitude*. Hija esebiet ir-rapport taghha li l-Qorti timmarka bhala dokument MC.

**<u>Dwar il-piena</u>**

Il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-gustizzja f’zewg okkazjonijiet fis-snin elfejn u tnax (2012) u elfejn u tlettax (2013) meta kien instab hati ta’ diversi serqiet, talli ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh ta’ prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita’ estera u talli zamm burdell, talli zamm post ghal skop ta’ prostituzzjoni fejn inghata *unconditional discharge* bil-kundizzjoni li jikkumpensa lill-vitma u *conditional discharge* fit-tieni akkuza.

Illi ghalhekk l-akkuza ta’ recidiva ma tistax tirrizulta ghaliex pieni taht il-Probation Act m’humiex kundanni taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Recidiva fil-fatt hija cirkostanza merament personali u ma ghandha ebda referenza ghal kontenut objettiv la tar-reat precedenti u lanqas tar-reat attwali.

L-andament fil-piena ghandu rapport biss mal-personalita' tal-hati u jgib ir-raguni tieghu fil-persistenza tal-hati fid-delinkwenza.

Fil-fatt ir-recidiva hija akkuza u reat per se, separata u distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali li jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva.

Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghal fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, u r-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u taghmel reat iehor. Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9. Illi fic-cirkostanzi l-akkuza ta' recidiva ma tistax tirrizulta u ghalhekk ser tilliberah minnha.

Illi pero' din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala mputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti l-ahhar cans lill-imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin u dan qed taghmlu wara li semghet lil probation officer tixhed u tghid li kemm hi kif ukoll il-key worker tal-imputat huma sodisfatti li qed juri l-motivazzjoni sabiex jibda programm residenzjali. Per sfortuna din il-Qorti ma tistax tordna li l-imputat jibda dan il-programm minnufih u dan ghaliex kif qalet il-probation officer stess irid l-ewwel l-imputat inaqqas id-doza tal-methodone u jsir assessment mill-gdid qabel ma jkun f'posizzjoni li jigi kunsidrat ghal programm.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi stante li din il-Qorti mhix qed issibu hati tar-reat ta' recidiva f'dawn ic-cirkostanzi tista tapplika sentenza ta' prigunerija sospiza ai termini ta l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligjiet ta' Malta u dan bil-ghan li din is-sentenza isservi ta' deterrent sabiex izzomm lill-imputat il-boghod mill-hajja ta' kriminalita' u fl-istess hin tkun tista tpoggi lill-istess imputat taht is-superizjoni ta' ufficcjal appozit sabiex isegwih u jghinu jindirizza l-problemi li ghandu b'mod partikolari d-dipendenza ta' droga. Fil-fatt din il-Qorti sejra timponi bhala wahda mill-kundizjonijiet tal-ordni ta' supervizjoni ikun fiha li l-imputat irid jibda u jkompli programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema tad-

droga u dan meta l-istess ufficcjali jghidulu li l-entitajiet li jitrattaw din il-problema jkunu lesti li jaccettawh ghal dan il-programm.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 45, 46 u 50(3) tal-Kapitolu 204, l-Artikolu 6A (b) ta' l-Att dwar il-karta' ta' l-identita' Kapitolu 258 u l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ssibu hati tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' recidiva minn liema akkuza qed tilliberah. Dwar il-piena pero' qieghda tikkundanna lill-imputat DARREN MIZZI sena (1) prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll pero' li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Supervizjoni ta' ufficcjal sorveljanti ghal perjodu kollu tas-sospensjoni tas-sentenza u cioe' ghal perjodu ta' tlett snin u dan skond id-digriet hawn anness li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li l-imputat ihallas lura s-somma ta' mitt ewro (€100) lill-vittma Raymond Buhagiar u mitt ewro (€100) lill-vittma Victor Borg u dan bhala danni li huma sofrew minn l-agir abbuziv ta' l-imputat u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole Services bil-ghan li jigi nominat kandidat idoneju sabiex isegwi lill-imputat u ghal dan il-ghan taghti ir-**

**rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur ta' tali ufficcju sabiex possibilment tigi appuntata l-probation officer Annabelle Bugeja li gja ghanda konoxxenza tal-kaz.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li jonqos li josserva xi kundizzjoni ta' l-ordni annessa tas-supevision order.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------